MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2012

Numru. 61/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**

**KONTRA**

**MICHAEL SULTANA TA' 38 SENA, BIN MISSIER MHUX MAGHRUF U JOSEPHINE NEE SULTANA, IMWIELED IL-PIETA' FIL-14/04/1972, U RESIDENTI 66, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA, ID NO. 188572 M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Michael Sultana** li gie akkuzat:

1. Talli fid-19 ta' Jannar, 2012 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (16.00 hrs), gewwa Triq

Gilormu Cassar, Valletta kkommetta serq minn gewwa vettura BCK405 ghad-dannu ta' Jesmond Zammit u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjenetement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrat Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 7 u 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikoli.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ammissjoni tal-imputat.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni minnu registrata wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat l-Artikoli 261, 271, 281, 17, 49, 50, 31 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni qed issibu hati tar-reati hawn fuq imsemmija, tilliberah mir-reat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu Kap alternattiv.

**Tikkundannah ghal piena karcerarja ta' disgha (9) xhur li ghandu jiskonta gewwa l-Forensic Unit u tordna li jinghata wkoll kull ghajnuna psikjatrika.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------